MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 17/2006/3

**Angelina sive Lina Schembri**

**v.**

**Francis Schembri**

## Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut [l-appellant] minn sentenza parzjali moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, fit-13 ta’ Lulju 2012 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kienet tikkonsisti fl-effetti immobbli u effetti mobbli, elenkati minnha fl-istess

sentenza; inoltre, identifikat u elenkat il-krediti parafernali tal-konvenut, inkluz il-kreditu parafernali konsistenti "fl-ispejjez li hareg ghall-bini tad-dar matrimonjali, ghamara u l-hlas tas-self mal-Lohombus Corporation li sar qabel iz-zwieg".

2. L-appellant hassu aggravat b'din is-sentenza, ghar-ragunijiet indikati minnu fir-rikors tal-appell, talab li din il-Qorti:

"[a] Tvarja l-ewwel kap tas-sentenza u tiddikjara illi d-dar matrimonjali bla numru u bl-isem Redentur, Triq Mattia Preti Victoria Ghawdex ghandha tigi eskluza mill-komunjoni tal-akkwisti u tigi dikjarata li hija proprjeta` parafernali tal-appellant. Subordinatament u minghajr pregudizzju f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti xorta wahda tqis li dan il-fond ghandu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, tvarja t-tielet kap tas-sentenza, talloka kreditu konsistenti fil-valur tad-drittijiet kollha naxxenti mill-konvenju konkluz relattivament ghall-fond fuq imsemmi...;

[b] Tvarja l-ewwel kap tas-sentenza wkoll billi teskludi mill-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti l-immobbli msemmija taht "Immobbli" paragrafu 7 u 8; u

[c] Tvarja t-tielet kap tas-sentenza billi, filwaqt li zzid il-flus kollha li jirrizultaw li kienu taz-zijiet tal-konvenut imsemmija fil-paragrafu [ix][a] tas-sentenza, li l-konjugi Schembri kien ghad fadlilhom fil-kont bankarju taghom, tirrikonoxxi wkoll illi dawn il-flus ma humiex kollha parafernali tal-konvenut, imma huma in parte wkoll ta' hu l-konvenut appellanti, George Schembri."

3. L-appellata, ghar-ragunijiet minnha indikati fir-risposta taghha, talbet li l-appell jigi michud, u li jigu applikati fil-konfront tal-appellant is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 10[1] tat-Tariffa A tal-Iskeda A, u wkoll dawk taht l-Artikolu 223 [4] tal-Kap. 12 peress li, skont hu, l-appell huwa vessatorju.

**Is-Sentenza Appellata**

4. L-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet hekk:

"Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi li l-Komunjoni tal-Akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:

"1. L-immobbli huma dawk li gew elenkati taht l-intestatura (1) **Immobbli** bin-numri 1 sa 9; kif ukoll dawk elenkati taht l-intestatura numru (2) **Bini li sar matul iz-Zwieg** bis-subartikoli (a) sa (d).

"2. Il-mobbli huma dawk li gew elenkati taht l-intestatura (3) **Mobbli** bin-numri (i) sa (viii) bil-mod kif fuq stabilit.

"3. Illi peress li rrizulta wkoll li l-konvenut ghandu xi krediti parafernali li jehtieg li jittiehdu in kunsiderazzjoni meta l-komunjoni tal-akkwisti tkun qed tigi likwidata, l-istess krediti parafernali tal-konvenut huma dawk u fis-sehem hekk kif indikati fil-paragrafu (ix)(c) fis-sub-artikoli (i) sa (xi). Oltre' dan il-konvenut ghandu wkoll bhala kreditu parafernali l-ispejjez li hareg ghall-bini tad-dar matrimonjali, ghamara u l-hlas tas-self mal-Lohombus Corporation li sar qabel iz-zwieg.

"Illi ghalhekk il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza in kwantu jmiss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tigi likwidata.

"Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali."

5. Dik il-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

................................................ – omissis –
.................................................

"**6. Id-dar bil-garaxx bla numru u bl-isem Redentur, Triq Mattia Preti, Victoria**

"Din id-dar bil-garaxx giet koncessa in enfiteusi perpetwa mill-Awtorita` tad-Djar b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Cefai tal-14 ta' Novembru 1984 ossija xhur wara z-zwieg li sehh fit-3 ta' Gunju 1984. Ic-cens annwu u perpetwu gie mifdi b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani tad-29 ta' Marzu 1996.

"Illi l-konvenut qieghed isostni li dawn l-immobbli huma parafernali tieghu u dan peress li huwa ffirma konvenju mal-Awtorita` tad-Djar qabel iz-zwieg u qabel ma kien iltaqa' mal-attrici.

"Irrizulta mill-provi li Francis Schembri kien firmatarju fuq konvenju. Ghalkemm il-konvenju kien sar bejnu u l-Awtorita` tad-Djar izda huwa kien qieghed jidher ukoll ghan-nom tal-gharusa tieghu ta' dak iz-zmien li ma kinitx l-attrici. Francis Schembri fix-xhieda tieghu[1] spjega li kienet harget skema ghall-gharajjes u qal hekk *'skont il-kundizzjonijiet tal-iskema li habbar il-Gvern, jekk m'intix gharus ma tkunx intitolat ghall-plot'.* Jidher li wahda mill-kundizzjonijiet tal-konvenju kien hemm li l-konvenut kien intrabat li jibni l-plot. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien ha self mil-Lohombus Corporation fid-29 ta' Marzu 1982.

"Illi l-konvenju li gie ffirmat ma giex ezebit u ghalhekk il-Qorti ma setax ikollha konoxxenza tal-obbligi, kundizzjonijiet u drittijiet li kienu jirrizultaw mill-istess. Gie ezebit pero' mill-attrici l-kuntratt ta' enfitewsi perpetwa. Dan sar bejn id-Dipartiment tad-Djar u l-konvenut fl-14 ta' Novembru 1984 cioe' meta l-partijiet kienu ilhom aktar minn hames (5) xhur mizzewgin. Il-fidi tac-cens sehh permezz tal-kuntratt redatt fid-29 ta' Marzu 1996.

"Illi l-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u waslet ghall-konkluzjoni li l-insenjamenti kontenuti fis-sentenza fl-ismijiet **Angelina Galea et vs Gerald Galea et**[2] m'ghandhomx isibu l-applikazzjoni taghhom ghall-fatti specie tal-kaz odjern. Dan peress li c-cirkostanzi u l-fatti li jemergu mill-atti huma differenti minn dawk li kienu jarginaw fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell. Infatti filwaqt li fil-proceduri fl-ismijiet **Galea et vs Galea et** kien sar l-akkwist tal-utile dominju qabel iz-zwieg fil-kaz *de quo* kien sar biss konvenju b'diversi kundizzjonijiet u taht skema partikolari li kienet tirrikjedi li l-applikanti kellhom ikunu gharajjes u ghalhekk il-bini ta' plot kien intiz ghal dar matrimonjali. Permezz tal-konvenju l-konvenut ma kien

---

[1] Seduta tal-10 ta' Jannar 2011 a fol. 1138 tal-process.
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Jannar 2012.

akkwista l-ebda dritt fuq l-art *de quo.* Jirrizulta wkoll li l-konvenut ftit zmien wara li hassar minn mal-gharusa tieghu kien beda johrog mal-attrici. Huwa minnu li meta sar il-konvenju l-konvenut kien gharus ma' haddiehor u mhux mal-attrici imma f'dan il-kaz li huwa relevanti hija d-data meta sar il-kuntratt li permezz tieghu giet koncessa l-enfitewsi perpetwa favur il-konvenut u dak iz-zmien il-mara tieghu. Dan sar fiz-zwieg. Kien permezz ta' dan il-kuntratt li l-konvenut akkwista wkoll id-drittijiet fuq l-art u kif ukoll id-dritt li c-cens jinfeda. Ghaldaqstant id-dar matrimonjali ghandha tigi kkunsidrata bhala li hija formanti mill-komunjoni tal-akkwisti.

"Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien ha self minghand il-Lohombus Corporation u d-dar inbniet minnu u dan apparti l-ghamara li nxtrat minnu. Ghalkemm irrizulta wkoll li l-attrici xtrat ukoll xi ghamara. Certament li dan ifisser li l-konvenut ghandu kreditu favurih li ghad irid jigi likwidat kemm ghal dak li jirrigwarda l-hlas lura tas-self kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-bini tal-istess dar.

**"7. Ottav (1/8) indiviz tal-hanut bl-isem ta' Neptune's Restaurant fi Triq Marina, Marsalforn, u kwart (¼) indiviz tal-fond bin-numri 9 u 10, Triq il-Lvant, Valletta, Malta**

"Dawn gew akkwistati permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Jannar, 1998 fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri[3]. L-attrici nkludiethom bhala mmobbli formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut isostni li l-attrici ma halset xejn u taf li l-unika raguni ghaliex dan il-kuntratt ma sarx fil-forma ta' donazzjoni kienet li dakinhar skont id-Death & Donations Duty Act, 1974 jekk id-donatarji jmutu qabel ghaxar snin mid-data tal-kuntratt tad-donazzjoni, id-donanti kellhom jerghu jiddikjaraw il-proprjeta` donata fid-denunzja u jhallsu taxxa tas-successjoni li kienet tvarja bejn il-35% u s-70% dak iz-zmien. Ghalhekk dan il-kuntratt inghata forma ta' bejgh sabiex tigi evitata taxxa doppja peress li d-donatarji kienu diga' mdahhlin fl-eta' meta sar il-kuntratt. Inoltre' flus qatt ma thallsu la fuq il-kuntratt u lanqas wara.

[3] Dok. FS7 a fol. 998 tal-process.

Inoltre’ l-konvenut issottometta li huwa u huh George kienu l-unici eredi tad-donatarji li kienu z-zijiet li ma kienux mizzewgin u ghalhekk dan il-kuntratt ma sarx taht forma ta’ bejgh sabiex jinganna xi eredi ohra.

“Illi fil-fehma tal-qorti dawn l-assi ghandhom ikunu nkluzi mal-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti. Fl-ewwel lok, il-kuntratt gie ppubblikat fiz-zmien meta l-partijiet kienu mizzewgin. Il-kuntratt li ghandha in atti huwa wiehed ta’ bejgh li sar snin wara z-zwieg. Fit-tieni lok, il-qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-gurisprudenza ben stabilita li l-legislazzjoni ta’ natura fiskali hi minnha nnifisha ta’ ordni pubbliku inkwantu huwa prezunt li saret fl-interess komuni. Ghalhekk vjolazzjoni ta’ dik il-legislazzjoni tmur kontra l-ordni pubbliku. Hekk kif gie rilevat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Sultana vs Camilleri**[4]

*‘Il-Qorti hija tenuta li fuq principju ta’ ordni pubbliku tara li b’ebda mod ma tissanzjona, lanqas indirettament, fil-gurisdizzjoni taghha, l-evazjoni tat-taxxa’.*

“Illi *ex admissis* sar kuntratt ta’ bejgh minflok kuntratt ta’ donazzjoni bejn l-ahwa Francis u George Schembri u z-zijiet taghhom ghaliex id-donatarji kienu avvanzati diga’ fl-eta’ u fl-eventwalita` li jmutu fi zmien ghaxar snin mid-donazzjoni, id-donanti kien ikollhom ihallsu ammont ta’ taxxa sostanzjali. Ghalhekk huwa evidenti li l-intenzjoni wara dan il-kuntratt kienet sabiex tigi evitata l-applikazzjoni tal-Ligi u b’hekk jigi evitat li tithallas taxxa li setghet kienet dovuta.

“Hekk kif intqal fis-sentenza **John William Haynes et vs Michelle Schembri et**[5]**,** din il-Qorti hija tal-fehma li ghall-kaz tal-lum *huwa operattiv il-principju tad-dritt li hadd ma jista’ jiehu vantagg mit-turpitudni tieghu stess (ex turpi non oritur actio). Din il-massima tfisser li hadd ma jista’ jibbaza azzjoni gudizzjarja fuq att immorali jew illegali. Issib applikazzjoni naturali (ghalkemm mhux hekk*

---

[4] 14 ta’ Marzu 1994.
[5] Cit. Nru: 187/2009JZM deciza fit-28 ta’ Frar, 2011.

*ristretta) fil-kamp tal-kuntratti meta l-kawza tkun illecita. Fil-kawza* ***Scicluna vs Abela*** *(Vol XXXII.I.174) il-Qorti tal-Appell kienet affermat il-principju li l-Qrati ma jistghux ighinu jew jagevolaw lil dak li jkun ghamel xi haga illecita (ara wkoll –* ***J.M.V. Holding Limited et vs Karina Holdings Limited et –*** *Qorti tal-Appell – 30 ta' Novembru 2007).”*

................................................ – omissis – ................................................

“(ix) <u>Krediti Parafernali tal-Konvenut</u>

“Illi l-konvenut semma lista shiha ta' krediti li huwa qieghed jippretendi li huma parafernali tieghu. Kull pretensjoni se tigi kkunsidrata wahda wahda.

“(a) Il-konvenut qed jippretendi l-ammont ta' Lm49,000 rapprezentanti l-pensjonijiet taz-zijiet tieghu Rosa u Toni ahwa Schembri. Huwa qal li flimkien kienu jigbru madwar Lm3,500 fis-sena. Dawn iz-zijiet illum mietu u l-eredi taghhom huma huwa u huh George Schembri. Ghalhekk huwa sostna li ghandu l-ammont ta' Lm24,500 flimkien mal-imghaxijiet relattivi dovuti lil huh George Schembri bhala sehmu mill-flus li kienu jappartjenu liz-zijiet taghhom fil-gurnata tal-mewt taghhom.

“Illi l-attrici ma tikkontestax li zewgha kien jigbor il-pensjonijiet taz-zijiet u dawn kienu jintuzaw ghalihom. L-attrici xehdet ukoll li dawn iz-zijiet kienu qishom il-genituri taghhom u hija kienet tiehu hsieb tixtrilhom il-bzonnijiet taghhom u tiehu hsiebhom. Apparti l-fatt li l-ammonti m'humiex pruvati pero' ma jistax jinghad li dawn l-ammonti huma provenjenti minn wirt. Il-pensjonijiet kienu jingabru fiz-zmien meta z-zijiet kienu hajjin u meta l-partijiet kienu qed jiehdu hsiebhom. Ghaldaqstant il-flus li kienu qed jidhlu fil-komunjoni l-konvenut ma jistax jargumenta li kienu parafernali tieghu.”

<u>L-Appell</u>

6. L-appell huwa msejjes fuq tlett aggravji li fis-sustanza huma: [1] li d-dar matrimonjali hija parafernali tal-appellant, stante li, ghalkemm il-kuntratt tal-akkwist sar wara z-zwieg, il-konvenju, li fuqu deher biss l-appellant, kien sar qabel iz-zwieg; [2] li, ghalkemm il-kuntratt datat 22 ta' Jannar 1998 huwa deskritt bhala 'bejgh', it-transazzjoni reali kienet dik ta' 'donazzjoni'; [3] li l-flus derivanti mill-eredita` taz-zijiet tal-appellant, ghandhom jitqiesu in parte parafernali tal-appellant, u in parte ta' huh George Schembri.

*L-ewwel aggravju*

7. Dan jikkoncerna d-dar matrimonjali bl-isem 'Redentur' Triq Mattia Preti, Victoria, Ghawdex. Il-fatti relevanti, u pacifikament akkolti miz-zewg partijiet, huma dawn.

8. F'Awissu 1981, l-appellant u Concetta Saliba, allura gharusa tieghu, dahlu f'konvenju mal-Awtorita` tad-Djar wara li akkwistaw plot taht l-iskema ghall-gharajjes vigenti f'dak iz-zmien. Ftit xhur wara, l-gherusija thassret, u ghall-bidu tas-sena 1982 l-appellant beda johrog mal-appellata.

9. Fil-frattemp l-appellant ha self bankarju, u bena bi flusu d-dar matrimonjali fuq din il-plot, b'mod li sa qabel iz-zwieg id-dar kienet lesta u kien hemm ukoll xi ghamara fiha li huwa xtara minn flusu.

10. Il-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Gunju 1984, u fl-14 ta' Novembru tal-istess sena gie ppubblikat il-kuntratt tal-akkwist tad-dar b'titolu ta' emfitewsi perpetwu. Fuq il-kuntratt deher biss l-appellant bhala l-emfitewta.

11. L-appellant isostni li, ghalkemm il-kuntratt tal-akkwist sar wara z-zwieg, izda l-konvenju li bis-sahha tieghu wassal ghall-akkwist tal-art, kien sar qabel iz-zwieg, u ghalhekk id-dar ghandha legalment titqies bhala proprjeta` parafernali tieghu:
"......... stante illi kieku ma kienx ghad-dritt li l-istess konvenut kiseb qabel iz-zwieg bejn il-kontendenti u inoltre minghajr lanqas l-ebda partecipazzjoni tal-attrici, permezz

tal-konvenju konkluz mal-Awtorita` tad-Djar ma kienx jezisti l-obbligu ta' trasferiment jew koncessjoni tat-titoli li gew akkistati mill-partijiet wara z-zwieg..... il-koncessjoni emfitewtika hija ezitu konsegwenzjali tal-obbligazzjoni naxxenti mill-konvenju in kwistjoni li saret ad eskluzjoni tal-attrici qabel iz-zwieg u sahansitra qabel il-partijiet kienu ltaqghu...

"[Bis-sahha tal-konvenju hu akkwista] dritt li ta lok ghall-aspettativa legittima li jigi koncess lilu d-dritt tal-utile dominju perpetwu fuq il-fond in kwistjoni...... dan id-dritt huwa ta' natura proprjetarja u dritt parafernali....... Kif gie rikonoxxut mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha d-dritt spettanti lill-konvenut illi jinghata titolu ta' utile dominju perpetwu fuq il-fond in kwistjoni kien marbut fil-kuntest ta' din l-iskema partikolari, mal-obbligu li jkun gharus u illi jibni l-plot – kondizzjonijiet li jirrizulta inkontestat li avveraw ruhhom qabel iz-zwieg bejnn il-kontendenti.

"...........Veru li l-ftehim mad-dipartiment ma kienx akkwist ta' dritt izda aspettattiva legittima ta' dritt, imma kien idoneu biex l-appellant per ezempju ottjena self mill-bank Lohombus Corporation fejn hemmhekk jidher car kif il-bank silef fondi sostanzjali saiex il-fond jinbena bhala residenza taht l-iskema tal-awtorita` tad-djar."

12. L-appellant jaghmel referenza ghall-Artikolu 1321[2] tal-Kap.16 li testwalment jaqra hekk:
"[2] Izda ma jidhlux fl-akkwisti l-beni li messew b'xi titolu lil wahda mill-partijiet mizzewwga qabel iz-zwieg, minkejja li l-beni setghu gew ghand dik il-parti biss wara z-zwieg."

13. Min-naha taghha l-appellata ssostni li l-konvenut wahdu ma kienx jibqa' jikkwalifika taht l-iskema tal-gvern. Hu fatt maghruf li skemi bhal dawn huma ntizi biex ihajjru u jghinu persuni gharajjes li jakkwistaw bicca art jew plot tal-gvern li fuqha jibnu d-dar taghhom u jsiru sidien ta' darhom. Ghalhekk il-konvenju li l-konvenut kellu pendenti mad-dipartiment kien jitlef l-effetti tieghu u ma kienx jibqa' validu aktar li ma kienx ghall-fatt li l-istess konvenut kien sussegwentement tgharras u zzewweg lill-appellata.

Inolte, kien bis-sahha tal-gherusija tieghu mal-appellata li l-appellat seta' jakkwista *loan* mal-korporazzjoni Lohombus ghall-kostruzzjoni tad-dar matrimonjali fuq il-plot akkwistat taht l-imsemmija skema.

14. L-appellata tghid ukoll li l-kawza **Angiolina Galea et v. Gerald Galea** citata wkoll mill-ewwel Qorti ma tistax tkun ta' suffragju ghat-tezi tal-appellant stante li f'dak il-kaz ir-ragel wahdu kien diga` akkwista qabel iz-zwieg titolu reali fuq il-post, u cioe` l-utile dominju perpetwu, u dak li sar matul iz-zwieg u li wassal ghall-konsolidazzjoni tal-*utile dominium* mad-*directum dominium* kien biss ezercizju tad-dritt personali li r-ragel kellu matul iz-zwieg.

15. Qabel xejn, din il-Qorti tosserva li dwar din il-vertenza l-provi huma skarsi ghall-ahhar. Ma ttella' ebda xhud mid-dipartiment tal-Awtorita` tad-Djar biex jixhed dwar l-iskema li tahtha l-appellant, allura gharus, kien dahal fil-konvenju ghall-akkwist ta' bicca art sabiex tinbena fuqha d-dar matrimonjali. Lanqas ma gew prodotti dokumenti indikanti l-kundizzjonijiet tal-akkwist taht l-imsemmija skema. Izda, irrizulta pacifiku li, filwaqt li l-konvenju sar qabel iz-zwieg, il-kuntratt finali sar wara z-zwieg.

16. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti, li, minkejja li l-konvenju sar qabel iz-zwieg, l-akkwist tad-dar matrimonjali dahal fil-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, in vista tal-fatt li l-kuntratt tal-akkwist sar wara z-zwieg.

17. B'referenza ghall-Artikolu 1321[2] fuq citat, il-Qorti tosserva li dan l-artikolu jolqot il-kaz ta' min, ghalkemm ikollu titolu qabel iz-zwieg, ma jkollux il-pussess, u li jikseb il-pussess wara z-zwieg, bhal fil-kaz tan-nudu proprjetarju li jikseb il-proprjeta` shiha mal-mewt tal-uzufruttwarju wara z-zwieg.

Ghalhekk dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz odjern, stante li l-konvenut ma kiseb ebda titolu fuq id-dar qabel iz-zwieg li permezz tieghu kiseb il-pussess tad-dar matul iz-zwieg. Huwa minnu li qabel iz-zwieg il-konvenut kien ghamel konvenju, izda dan ma tah ebda titolu fuq id-dar, u

l-uniku titolu li nkiseb fuq id-dar kien permezz tal-kuntratt ta’ emfitewsi perpetwa maghmul matul iz-zwieg.

18. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat

*It-tieni aggravju*

19. Dan l-aggravju jirreferi ghall-kuntratt datat 22 ta’ Jannar 1998, li bih l-appellant u huh akkwistaw ottav indiviz tal-hanut Neptune’s Restaurant Triq il-Marina, Marsalforn u kwart indiviz tal-fondi numri 9 u 10 Triq il-Lvant, Valletta, Malta, kif ukoll nofs indiviz tad-drittijiet ereditarji li kellhom Antonio u Rosa, ahwa Schembri, mis-successjonijiet ta’ Francesco Schembri, Grazia Schembri, George Spiteri u Loreta Spiteri.

20. L-appellant isostni li, ghalkemm il-kuntratt huwa deskritt bhala wiehed ta’ ‘bejgh’ fil-fatt dan kien ‘donazzjoni’ ghax il-prezz indikat fil-kuntratt baqa’ ma thallasx. Huwa jispjega li ma kienx sar kuntratt ta’ donazzjoni peress li z-zijiet tieghu kienu anzjani u ma riedx li f’kaz li jmutu fi zmien ghaxar snin jhallas taxxa doppja. Ghalhekk l-appellant, sostnut minn huh, jghid li n-negozju li effettivament sar kien ta’ donazzjoni.

21. In vena legali, il-Qorti tosserva li huwa assodat fil-gurisprudenza patria li kull ftehim ghandu favur tieghu l-prezunzjoni tas-sincerita` u tar-realta`[6]. Is-simulazzjoni hi forma ta’ frodi, u min jallegaha ghandu jgib provi perswassivi u konkludenti. Il-prova tista’ ssir b’kull mod permess mill-ligi anke minn xhieda; izda dan il-principju ghandu jigi applikat b’rigur akbar meta jigi impunjat att pubbliku minhabba l-fiducja akbar li tvesti fih il-ligi. Is-simulazzjoni ghandha fiha nfisha tigi mehuda bl-akbar cirkospezzjoni meta l-azzjoni tigi proposta wara l-mewt tal-parti li allegatament ried l-att simulat, ghax f’dan il-kaz ma tkunx tista’ tigi kontrollata kif imiss.[7]

---

[6] App.Civili ***Carmelo Cini vs Alfred Zammit*** [1986] Vol.70.II.204

[7] Ara PS **Luigi Spiteri Debono v. Joseph Spiteri Debono** Vol.XXXVII.II.79, u kazistika hemm citata.

22. Fil-mertu l-Qorti tosserva li l-provi fir-rigward huma skarsi u mhux tali li jinnewtralizzaw il-prezunzjoni tal-kuntratt favur il-verita`.

23. Dak li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa kuntratt ta' bejgh-xiri fil-forma rijkesta mil-ligi, u rrispettivament x'kien il-motiv tal-kontraenti ghaliex ghazlu din il-forma ta' negozju u mhux ohra, legalment ghadu jissussisti kuntratt ta' bejgh-xiri li sar waqt iz-zwieg, u allura prezunt li dak akkwistat mill-appellant jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tielet aggravju*

24. Dan jirrigwarda s-sezzjoni [ix] intestata **"Krediti Parafernali tal-Konvenut",** partita [a], u huwa fis-sens li nofs is-somma ta' LM49,000 hija proprjeta` parafernali derivanti mill-wirt taz-zijiet tieghu u ta' huh, Rosa u Toni, ahwa Schembri. L-appellant ihossu aggravat bid-decizjoni tal-ewwel Qorti meta fir-rigward osservat li *"...dwar il-pensjonijiet taz-zijiet dawn m'humiex derivanti minn xi eredita` izda mill-fatt li z-zewg partijiet kienu qed jiehdu hsieb lill-istess zijiet inkluz ix-xiri tal-bzonnijiet taghhom ta' kuljum".*

25. Huwa jesprimi l-aggravju tieghu hekk:
"Illi mix-xhieda tal-partijiet it-tnejn, johrog kemm fil-fatt kien il-konvenut li kien jamministra hwejjeg taz-zijiet billi jara li jigbor il-pensjonijiet u l-beneficji taghhom kif ukoll il-kirjiet dovuti lilhom. Dan kien ipoggihom f'kont tieghu biex meta kien ikollhom bzonn, hu jew martu kienu jaqbdu u jgibu l-flus biex jonfquhom ghall-bzonnijiet taghhom. B'daqshekk ma jfissirx li issa l-flus li ma ntefqux saru tal-komunjoni tal-akkwisti, imma l-flus li baqa' li kienu qed jinzammu ghan-nom taz-zijiet tal-konvenut issa saru tal-werrieta tal-istess zijiet u cioe` tal-ahwa Schembri – il-konvenut u huh George."

26. Barra minn hekk, il-pretensjoni tal-appellant li ghad ghandu fuq ismu flus imhollija mill-wirt taz-zijiet tieghu

m’hijiex sostnuta mill-provi. Mix-xhieda tieghu jirrizulta li l-mod kif l-appellant kien jamministra l-flus kien li jitfa’ l-flus kollha fuq ismu, *“hallata ballata”*[8], imbaghad ihallas dak li kien hemm bzonn. Jidher li l-appellant kien juza l-istess sistema ta’ amministrazzjoni, jew mal amministrazzjoni, fir-rigward tal-pensjonijiet u tal-beneficji li kienu jghaddulu z-zijiet tieghu. Huwa kien jiddepozita dawn il-flejjes fil-kont tieghu bir-rizultat li pogga ruhu fl-impossibbilita` li jipprova sodisfacentement kemm mill-flus li huma fuq ismu u li verament kienu taz-zijiet kienu ghadhom ezistenti fid-data tal-mewt taghhom, salv ghal dak dikjarat fid-denunzja taghhom,

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

**Decide**

Ghaldaqstant tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Vol. V – Fol.